GRAJJIET, DRAWWIET, TIFKIRIET

# IL-KRISTOFRU COLOMBO TAL-KATAKOMBI

*(minn Mons. Prof. A. Bonnici)*

**Naf b'erba' persunaġġi kbar magħrufin li jġibu l-kunjom "Bosio". Dawn kien jisimhom Tommaso, Giacomo, Giovanni Ottone u Antonio Tommaso, Viċ Kanċellier tal-Ordni Gerosolmitan, kien ġie ppreżentat mill-Imperatur Karlu V biex sir Isqof ta' Malta; iżda l-Papa għażel lill-Kardinal Ghinucci bħala Amministratur, u biss fl-1538 għażlu bħala Isqof ta' Malta. Imma, jaħasra, għalkemm wieħed jista' jaħseb li kien ikun Isqof tajjeb, sena wara l-għażla tiegħu, miet. Giacomo Bosio kien l-Ambaxxatur tal-Ordni f'Ruma. Hu l-iżjed magħruf għall-ktieb f'żewġ volumi msejjaħ: "Dell'Istoria della Santa Religione et illustrissima militare di San Giovanni Gerosolomitano".**

Giovann Ottone kien hu Giacomo u kkumbatta b'ħila kbira fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Wieħed jista' jara l-lapida ċkejkna u sempliċi tiegħu f'San Gwann, fil-korsija, in-naħa tal-lemin, mal-pilastru t'isfel li jdaħħlek għall-atriju li jagħti għall kuritur taċ-Ċimiterju. Nitkellmu aktar fit-tul fuq Antonio Bosio.

**ANTONIO BOSIO**

Antonio Bosio, bin Giovanni Ottone, jingħad li twieled il-Birgu, fl-1575. Bil-ħsieb li jqabbduh il-karriera ta' zijuh Gakbu, missieru bagħtu jistudja ħdejh f'Ruma, meta kien għadu tfajjel ta' 12-il sena. Hemmhekk hu studja Letteratura, Filosofija, Teoloġija u Liġi Ċivili u Kanonika fil-Kulleġġ "Sapienza", fejn ġie llawrjat meta kellu biss 18-il sena.

Imma iżjed milli mal-karriera pubblika li xtaq missieru, Anton innamra mal-istudju tal-Arkeoloġija Nisranija. Il-Protestanti dak iż-żmien kienu qegħdin igħallmu li l-Knisja Kattolika tbegħdet mill-fidi u d-dixxiplina tal-ewwel sekli. Għalhekk, xi għorref kattoliċi xtaqu li jkollhom ix-xhieda tal-monumenti nsara tal-qedem biex jippruvaw li sostanzjalment il-fidi u d-dixxiplina tal-Knisja Kattolika kienu għadhom sħaħ. Inzerta li b'kumbinazzjoni fl-1578 instab katakombi, li ssejjaħ iċ-ċimiterju tal-Gordani, katakombi ta' xejn inqas minn 5 pjani taħt l-art. Dik is-sejba qajmet għagħa sħiħ. Antonju allura kien għadu tarbija hawn Malta. Dak il-katakombi reġa' in-sadd għax waqgħet fih frana tat-trab u l-Bosio baqa' ma rah qatt.

**SAN FLIPPU NERI**

Fost dawk li tħeġġu b'hekk għall-studju tal-katakombi nsara kien hemm Panvinio, Ciacconio u De Winghe, li kitbu u ppubblikaw xi kotba dwar il-qedem nisrani. Il-Bosio ġie nflu-wenzat minnhom. Anzi, mhux biss minnhom, imma wkoll minn qassis qaddis taż-żmien: San Flippu Neri. Aħna nafu lil dan il qaddis bħala bniedem twajjeb, ċajtier. Imma ma' dan għandna nżidu li hu kien persuna l aktar influwenti. Infatti hu kien li ħeġġeġ lil Cesare Baronio biex jikteb l-Annales, jew l-Istorja tal-Knisja, bil-ħsieb li jipprova li l-Knisja Kattolika hija l-vera knisja ta' Kristu. X'aktarx kien hu wkoll li ħajjar lil Bosio biex jagħmel tfittix fil-katakombi rumani għal dak il-għan

Ma' San Flippu aktarx kien hemm ukoll l-arkeologu Pompeju Ugonio, Professur fl-Universita' ta' Ruma, li ħajjru għal dak l-istudju. Zgur hu, li dak l-istudju l-Bosio bdieh meta fl-10 ta' Diċembru 1594, ta' 19-il sena, huwa niżel flimkien miegħu fil-katakombi ta' Domitilla. Ix-xogħol tant għoġob liż-żagħżugħ li ngħata għalih b'ruħu u ġismu għal 35 sena, sakemm miet fl-1629.

U taħsbux li dak ix-xogħol kien xi xogħol ħafif. Għall-kuntrarju kien xogħol ta' strapazz kbir u ta' sogru wkoll. L-ewwel, kien ifittex bil-paċenzja l post fejn ikun qara fil-kotba li bejn wieħed u ieħor hemm xi katakombi. imbagħad kien ifittex xiber b'xiber dawk l-inħawi, biex jara jiltaqax ma' xi taraġ moħbi, jew xi luċernarju" (toqba fl-art li minnha jgħaddi d-dawl u l-arja għal ġol-katakombi).

Ta' spiss kien ikollu ta' kuljum jinżel minn dawk il-luċernarji. Darba minnhom — jikteb huwa stess — intilef fiċ-Ċimiterju ta' Santa Domitilla, u beża' li ser jibqa' mitluf u jmut hemm ġew. Min hu fostna li niżel f'xi katakombi (anki f'dawk ta' Malta li huma żgħar ħdejn dawk ta' Ruma) u ma sthajjlux ser jintilef, anzi li jintilef żgur jekk ma jibqax jimxi wara l-gwida? Hekk ġralu l-Bosio. Iżda — jissokta jgħidilna bl-umilta' kollha — l-aqwa biża' tiegħu kien li l katavru tiegħu kien ser jipprofana l-fdal qaddis

(Ikompli f'paġna 4)

# Il-Kristofru Colombo tal-Katakombi

(Ikompli minn paġna 3)

tal-martri midfunin hemm-hekk.

**IL-KRISTOFRU COLOMBO**

F'dak ix-xogħol ta' 35 sena, il-Bosio għamel sejbiet l-aktar kbar u ta' siwi u għalhekk bir-raġun ġie msejjaħ "Il-Kristofru Colombo ta' Ruma taħt l-art". Fost is-sejbiet kbar, biżżejjed insemmu r-rikonjizzjoni tal-fdal ta' Santa Ċeċilja fil-Bażilika tagħha fi Trastevere (Ruma) u tal-4 Koronati fuq il-Monte Celju. Kemm skrizzjonijiet ikkopja! Kemm disinji ta' pitturi u skulturi taħt l-art ħarbex!

Kemm kotba qara fil-librerija għanja tiegħu ta' madwar is-700 ktieb, li jittrattaw fuq il-martri u l-konċilji, il-kitba tas-Santi Padri, u oħrajn li kellhom x'jaqsmu mas-suġġett tiegħu! Kemm pitturi u oqbra qabbel ma' xulxin biex jiġbed il-konklużżjoniijet tiegħu! Dan kien ix-xogħol tiegħu għal 35 sena: xogħol iebes u bla heda, iżda ta' siwi kbir u ta' faraġ għal min jagħmlu bin-namra.

**XOGHOL PREZZJUZ**

Is-sejbiet, l-istudji, u l-konklużjonijiet tiegħu huwa ġabarhom fi ktieb manoskritt ta' 2,060 folja mill-kbarnett, u kiteb ukoll indiċi ta' 50 paġna għalihom. Illum jinsabu fil-Biblijoteka Vallicelljana f'Ruma. Imqar li kellna x-xorti li jkunu fil-biblijoteka tagħna! X'teżor prezzjuż għas-siwi tagħhom, x'teżor għażiż ta' Maltin bħalna!

Dik il-kitba tiegħu ġiet ippublikata taħt it-titlu ta' Roma Sotterranea, fl-1632, jiġifieri 3 snin wara mewtu. Haseb għall-pubblikazzjoni tagħha l-Oratorjan jew Filippin Severanu minn San Saverino u ħallas għaliha l-Ordni ta' Malta.

Dak ix-xogħol malajr ġibed l-attenzjoni tal-għorrief taż-żmien. L-Oratorjan Padre Aringhi għamel traduzzjoni tiegħu bil-latin, li deħret fl-1651. Jaħasra l-Aringhi, li kien arkeologu ieħor, żied xi ħwejjeġ oħra minn tiegħu magħha u flok ma tejjeb l-opra, għarraqha. Din l-edizzjoni latina ġriet aktar mit-taljana, għaliex dak iż-żmien, kien iżjed jifthem il-latin mit-taljan fil-pajjiżi l-oħra barra l-Italja.

**SEMMEWH FIL-KITBA TAGHHOM**

Bis-saħħa ta' dan ix-xogħol Antonju Bosio kabbar ferm il-ġieħ ta' Malta. Għalhekk illum, kważi 400 sena wara t-twelid tiegħu xieraq li aħna l-Maltin nagħtu ġieħ lilu — ġieħ li jistħoqqlu. U jiena, flimkien mal-kliem sabiħ li kiteb fuqu l-istoriku l-ieħor tal-Ordni Bartolomeo Dal Pozzo fl-istorja ta' l-Ordni mal-kitba li kiteb fuqu Injazju Saverju Mifsud fl-1759, ma' dak li nkiteb fl-"Almanacco di Malta" tal-1843, ma' dak li qalu Anton Vassallo fl-1866 u l-Prof. Kurunell Lorenzo Manche' fl-1916, ma' dak li kiteb Dr. Gwanni Curmi fl-1930, u li ġiebet il-"Malta" fl-1935, irrid inżid il-kelma tiegħi ta' tifħir u ta' ġieħ lil dan il-bniedem malti kbir, għax tassew jistħoqqlu; u nittama u nistieden biex fis-sena li ġejja kwartiċentenarja tat-twelid tiegħu, l-istudenti tat-Teoloġija, li għandhom fost is-suġġetti tagħhom l-istudju tal-Arkeoloġija Nisranija, immexxija mill-Kan. Vincenzo Borg, Professur ta' dak is-suġġett, jiċċelebraw b'espożizzjoni u b'kitba lil dan il-pijunier, li bis-sejbiet u l-kitba tiegħu llum ukoll għadu jagħti xhieda qawwija li l-Knisja Kattolika tal-lum tħaddan l-istess fidi u għandha l-istess dixxiplina tal-ewwel żmenijiet wara Kristu.